

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2016/1184

tat-18 ta' Lulju 2016

li jemenda r-Regolament (UE) 2015/2265 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perijodu 2016–2018

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2265 <sup>(1)</sup> jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perijodu 2016–2018. Ġew deċiżi volumi adatti għal kull kwota tariffarja sabiex tiġi żgurata provvista adegwata għall-industrija tal-Unjoni għall-perijodu 2016–2018.
- (2) It-tielet paragrafu tan-nota 2 f'qiegħ il-paġna tal-Anness għar-Regolament (UE) 2015/2265 jiddeskrivi l-operazzjonijiet tal-ipproċessar li għalihom jistgħu jintużaw ċerti kwoti tariffarji. Dak il-paragrafu ma jinkludix it-tfettit fost l-operazzjonijiet li jikkwalifikaw għall-kwota tariffarja bin-numru tal-ordni 09.2760 fir-rigward tal-merluzz iffriżat u l-pink cusk-eel.
- (3) Għal dik il-kwota tariffarja li trid tintuża, jixraq li jiġi inkluż it-tfettit bħala operazzjoni li tikkwalifika.
- (4) Għaldaqstant ir-Regolament (UE) 2015/2265 għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-perijodu li fih il-kwoti miftuħa mir-Regolament (UE) 2015/2265 japplikaw fl-ewwel sena jibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2016. Billi jeħtieġ li jiġi żgurat trattament indaqs tal-operaturi ekonomiċi, dan ir-Regolament għandu jiġi applikat b'mod retroattiv b'effett mill-1 ta' Jannar 2016,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fit-tielet paragrafu tan-nota 2 f'qiegħ il-paġna tal-Anness għar-Regolament (UE) 2015/2265, jiżdied l-inċiż li ġej:

“— it-tfettit għal materjali skont il-kodiċijiet tan-NM ex 0303 66 11, 0303 66 12, 0303 66 13, 0303 66 19, 0303 89 70, 0303 89 90”.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/2265 tas-7 ta' Diċembru 2015 li jiftaħ u jipprevedi l-ġestjoni ta' kwoti tariffarji awtonomi tal-Unjoni għal ċerti prodotti tas-sajd għall-perijodu 2016–2018 (ĠU L 322, 8.12.2015, p. 4).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2016.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Lulju 2016.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

G. MATEČNÁ

---